MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1366/1999/1

**Josephine Attard**

**vs**

**Alfred Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici Josephine Attard izzewget lill-konvenut Alfred Attard nhar it-tnejn ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin (02/09/1997), u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied. Dan iz-zwieg sar fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

Illi dan il-partijiet ma baqghux jghixu flimkien bhala ragel u mara mid-disgha ta’ Settembru ta’ l-elf disa` mija u

sebgha u disghin (09/09/1997), u ghalhekk dan iz-zwieg dam gimgha biss.

Illi dan iz-zwieg ma messu qatt sar peress illi jezistu diversi difetti fil-kunsens da parti tal-konvenut u anke jezistu impedimenti da parti ta' l-istess konvenut kif jigi dettaljatament pruvat waqt il-kors tas-smigh tal-kawza.

Illi fil-fatt il-konvenut ma kienx kapaci jassumi l-obbligi taz-zwieg u kellu wkoll difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju fir-rigward taz-zwieg, kif ukoll iccelebra zwieg simulat, dawn fost l-ohrajn.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara l-annullament taz-zwieg bejn l-istess konvenut u l-attrici, dan minhabba dawk id-difetti fil-kunsens u dawk l-impedimenti l-ohra li jirrizultawlha kif hemm deskritt fil-premessi.

2. Tordna l-istess annullament taz-zwieg qisu qatt ma kien sar.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors tal-konvenut tas-7 ta' Frar 2000 fejn talab lill-Qorti sabiex jigi ammess ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet tas-7 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba u assenjat lir-rikorrenti bhala difensuri lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-11 ta' Frar 2000 a fol. 9 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talba sabiex iz-zwieg celebrat bejnu u l-attrici fit-2 ta' Settembru 1997 jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghandha tigi milqugha pero` mhux minhabba r-ragunijiet indikati fic-citazzjoni izda minhabba li kienet l-attrici stess li ma kenitx kapaci tassumi l-obbligi taz-zwieg u kienet hija stess li kellha difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju fir-rigward taz-zwieg jew fuq id-drittijiet u dmirijiet tieghu.

2. Illi z-zwieg imsemmi ghandu jigi dikjarat null ukoll stante li l-kunsens tal-konvenut kien inkiseb b'qerq dwar kwalita` ta' l-attrici li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi ghalhekk l-attrici ghandha tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 9 u 10 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-8 ta' Marzu 2000 fejn giet nominata Dr. Sandra Sladden bhala Perit Legali; tat-23 ta' Gunju 2000; tal-11 ta' Dicembru 2000; u tat-30 ta' Ottubru 2001.

Rat l-avviz tat-13 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Mejju 2002; tal-15 ta' Ottubru 2002; tad-19 ta' Novembru 2002; tal-11 ta' Frar 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport; u tas-26 ta' Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum, 1 ta' Ottubru 2003.

Rat is-seduti mizmuma u relazzjoni tal-Perit Legali;
Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** xehdet permezz tas-segwenti: (i) tad-dikjarazzjoni taghha fil-kawza odjerna guramentata fit-18 ta' Mejju 1999 (ii) fis-seduta tal-10 ta' April 2000 (a fol. 18); fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2000 (a fol. 24) fejn xehdet l-attrici stess u anke sarilha l-kontro-ezami; (iii) fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2000 (a fol. 26) fejn l-attrici kompliet tixhed in kontro-ezami; (iv) fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2001 fejn xehdet **Mary-Rose Bianco** (a. fol. 20) (v) u fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2001 (a fol. 34) fejn xehed l-konvenut in kontro-ezami.

Illi l-**konvenut** xehed permezz tas-segwenti: (i) dikjarazzjoni tieghu fil-kawza odjerna guramentata fil-11 ta' Frar 2000 (ii) fis-seduta ta' l-20 ta' Novembru 2000; (a fol. 28) (iii) fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2000; (a fol. 37) (iv) u fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 2001 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami.

### ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi fir-raba' (4) premessa tac-citazzjoni l-attrici ppremettiet li l-konvenut ma kienx kapaci jassumi l-obbligi taz-zwieg u kellu wkoll difett serju fid-diskrezzjoni tal-gudizzju fir-rigward taz-zwieg kif ukoll iccelebra zwieg simulat, dawn fost l-ohrajn liema premessa qeghda tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

*" **artikolu 19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Andrea Seichel maghruf bhala Andrew Seychell vs Katerin Seichel nee' Borg"** (P.A. (RCP) 19 ta' Gunju 2003 *"b'difett serju ta' diskrezzjoni, l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg".*

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a queslla volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita*

*affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentiment, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (**Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale** *(Torino, 1994), p. 97.*

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li:-

*"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il-consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (**Pompedda, MF.,*** **"Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento"** *(Bologna, 1991), pp. 231, 233).*

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li *"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated"** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi ghar-rigward ta' l-**artikolu 19 subinciz (1) paragrafu (d)** mill-provi migbura jirrizulta illi l-kontendenti fl-ebda mument ma kkunsidraw bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Illi konsistentement ma' dak li nghad iktar 'il fuq Dr. Abigail Attard, fit-tezi taghha **"Grounds of Annulment of Marriage with special reference to Defects of a psychological nature in the light of the 1981 Amendments to the Marriage Act 1975"** tghid illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* (pg 42).

Illi dan kollu jfisser li mhux bizzejjed li persuna tkun taf x'inhu z-zwieg izda jrid ikun hemm ukoll il-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga. Fil-kaz in dezamina', ghalkemm hemm verzjonijiet divergenti dwar kif sehhu l-affarijiet, jidher car illi l-kontendenti ma kellhomx il-maturita' li jevalwaw d-drittijiet u obbligi li ggib maghha hajja mizzewga u z-zwieg kien sehh fost hafna tahwid.

Illi kemm l-attrici u kif ukoll l-konvenut qablu illi l-attrici kienet ilha tohrog ma' certu Deone D'Amato ghal xi erba' (4) snin u anke meta bdiet tohrog mal-konvenut fil-ghaxija xorta kienet tmur ghand dan Deone. Ghalhekk jidher illi ghalkemm kienet qed tohrog mal-konvenut xorta wahda baqghet tohrog ma' Deone D'Amato. Anke omm l-attrici tikkonferma illi bintha kienet ilha tohrog ma' dan Deone ghal xi erba` snin.

Illi l-kontendenti mhux qeghdin jaqlu dwar ic-cirkostanzi li waslu ghaz-zwieg taghhom. L-attrici minn naha taghha qeghda tghid illi hi ma kenitx tafu lill-konvenut u missierha kien ghamel hafna pressjoni fuqha biex tizzewgu. L-attrici tghid li kienet sfurzata tizzewweg izda l-konvenut ma kienx jaf b'dan. Missierha riedha tizzewweg lill-konvenut ghax ma ridhiex tizzewweg lil Deone. Anke omm l-attrici xehdet illi hi ma kenitx tafu lill-konvenut u ratu biss darba qabel izzewgu. Xehdet illi r-ragel taghha (li jigi missier l-attrici) darba fost l-ohrajn kien mar ghandha u riedha bil-fors tiffirma karta biex tawtorizza lil bintha tizzewweg. Kompliet tixhed illi bintha qaltilha li ser tizzewweg jumejn biss qabel ma zzewgu. Meta zzewget l-attrici kienet taht l-eta' u kellhom jiffirmawlha l-genituri taghha. Il-konvenut huwa xi erbatax (14)-il sena akbar mill-attrici.

Illi skond l-attrici hi kienet diga` ffissat data ta' zwieg ma' Deone u meta s-Sur Bilocca li kien ser izzewwighom civilment kien raha ser tizzewweg lill-konvenut, ghall-ewwel ma riedx izzewwigha ghax diga` kellha data ta' zwieg iffissata ma' Deone. Pero' l-attrici xehdet illi gidbitlu lis-Sur Bilocca u qaltlu li tqila. Pero' rigward dan kollu ma ttellat l-ebda prova hlief ghax-xhieda ta' l-attrici.

Illi minn naha tieghu l-konvenut spjega kif kienet l-attrici li qabdet mieghu u dan waqt li kienet ma' Deone D'Amato. Jixhed illi kienu l-bahar flimkien u waqt li Deone llarga ftit, l-attrici kienet qabdet mieghu u dakinhar stess filghaxija cemplitlu biex jiltaqghu. Il-konvenut jghid li lanqas kien jafu lil missierha. Il-konvenut u Deone kienu ilhom hbieb minn tfulithom. Il-konvenut xehed illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet marret tghix mieghu ghand ommu, ghalkemm jidher illi din l-gherusija (jekk wiehed jista` jsejhilha gherusija) kienet wahda qasira hafna. Skond il-konvenut l-attrici kienet talbitu jizzewwigha ghax kellha data ta' zwieg iffissata ma' Deone u ma riditx tizzewgu.

Illi jidher ili ma kien hemm l-ebda preparament ghaz-zwieg u fi kliem l-attrici *"kienet gurnata bhal l-ohrajn"* u zzewgu biss bic-civil. Il-kontendenti ma kienux jahdmu u hekk kif izzewgu marru jghixu ma' omm il-konvenut fejn lanqas

biss kamra tas-sodda ma kellhom. Kienu jorqdu flimkien ma’ hu l-konvenut u l-gharusa tieghu.

Illi dwar kif ipproceda z-zwieg jidher li hemm qbil. Dan iz-zwieg dam bejn gimgha u tliet gimghat (peress ili l-attrici qeghda tghid li dam gimgha filwaqt Ii l-konvenut qieghed jghid li dam tliet gimghat). Wara dawn il-ftit jiem/gimghat, l-attrici telqet lill-konvenut u marret lura ma’ Deone D’Amato. L-attrici xehdet illi wara gimgha mizzewga hi kellha x’taqsam sesswalment ma’ Deone.

Illi mhux l-ewwel darba li kienet tirritorna ghand il-konvenut izda wara ftit kienet terga` titlaq u tmur ghand Deone. F’xi zmien il-konvenut kellu ukoll tfalja ohra tghix mieghu u meta l-attrici kienet tirritorna ghandu kienu anke jorqdu fl-istess sodda u cjoe’ l-attrici, l-konvenut u din it-tfajla. Skond il-konvenut, gieli kien ikollhom x’jaqsmu sesswalment kollha flimkien u l-attrici ma kenitx tiddejjaq.

Illi l-attrici tghid illi hi ma kien jimpurtaha xejn miz-zwieg. Kienet tohrog filghodu u tirritorna filghaxija. Dan jikkonfermah ukoll il-konvenut.

Illi mix-xhieda kollha mressqa, din il-Qorti taqbel assulutament ma` dak li kkonkludiet il-brava perit legali li mhux biss l-kontendenti ma ppreparaw xejn ghal dan iz-zwieg, izda, l-attrici kienet immatura hafna u ma kellha l-ebda hsieb ta’ zwieg. Dan jidher car mill-fatt illi wara ftit gimghat ta’ zwieg l-attrici telqet lill-konvenut biex regghet marret ma’ l-gharus li kellha qabel iz-zwieg. Minn naha tieghu l-konvenut diga’ kellu zewgt itfal minn nisa differenti u anke kellu proceduri kriminali kontrih fuq serq. Kif tispjega **Abigail Attard** fit-tezi taghha **“Grounds of annulment of marriages with special reference to defects of a psychological nature in the light of the 1981 amendments to the marriage act, 1975”, tghid hekk (p.59):**

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism…..immature character, affective immaturity and an emotionally*

*unstable personality……Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage….Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity…..”*

Illi **G. Veness,** kwotat minn **N. Picard in 'l'immaturite' et le consentement matrimonial (pg. 54-55**) jghid is-segwenti dwar kif ghandha tigi ezaminata t-talba ghall-annullament taz-zwieg abbazi ta' dan is-sub-artikolu in ezami u cjoe':-

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car li dan in verita' ma kien zwieg xejn u l-partijiet litteralment abbuzaw minn din il-procedura u istituzzjoni ghar-ragunijiet egoistici taghhom, tant li bl-agir taghhom huma manifestament juru li mhux biss lanqas kellhom ideja ta' x'inhu zwieg, izda l-atti kollha kemm qabel u kemm wara z-zwieg jikkonfermaw li qatt ma setghu u lanqas kienu disposti sabiex jirregolaw il-hajja taghhom skond ir-regoli u precetti tal-istess unjoni imqar minimament.

Illi ghalhekk, mill-provi migbura u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti tiddeciedi li l-kaz ta' nullita' taz-zwieg ghall-mertu in ezami gie ppruvat skond l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.** Fil-fatt l-kunsens kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**19 (1) (f)** "*jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*".

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens"*.

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta wkoll li l-partijiet it-tnejn kellhom difett fl-ghoti tal-kunsens taghhom ghall-istess zwieg *stante* li eskludew

pozittivament kwazi l-elementi kollha essenzjali taz-zwieg fl-ghaqda taghhom ma' xulxin, inkluz fedelta' lejn xuxlin *stante* li l-attrici minn naha l-wahda jidher li kellha relazzjoni ma' ragel iehor kemm qabel u kemm wara l-istess zwieg taghha mal-konvenut, fil-waqt li l-konvenut jidher li kien jaf dwar dan anke qabel ma zzewweg u huwa, anke minhabba l-agir *da parte* ta' l-attrici ma ddejjaq xejn sabiex f'qasir zmien ikollu relazzjoni ma' mara ohra, u dan wkoll a konoxxenza tal-istess attrici, li ovvjament fic-cirkostanzi tal-kaz ma tantx kienet preokkupata dwar dan. *In verita'* din il-Qorti thoss li fil-kaz in ezami l-partijiet rispettivament eskludew *a priori* kull element tal-hajja mizzewga mir-relazzjoni taghhom flimkien, li *in verita'* ma kienet relazzjoni serja xejn, u l-konvivenza taghhom, jekk tista' tissejjah hekk damet biss ftit gimghat jekk mhux granet, u dan bil-mod rottambolesk deskritt mill-partijiet innifishom f'din il-kawza, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li fuq l-iskorta tal-provi prodotti, hemm kaz ta' annullament taz-zwieg anke a tenur tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-ahharnett jinghad li da parti tieghu l-konvenut fin-nota ta' l-eccezzjonijiet isemmi illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghax inkiseb b'qerq dwar kwalita` ta' l-attrici li mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga u din il-Qorti mhux ser tidhol sabiex tezamina dan il-kap *stante* li din hija *ormai* kwistjoni ta' natura akkademika la darba l-istess zwieg qed jigi dikjarat null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat fir-Registru Pubbliku fit-2 ta' Settembru 1997, bejn il-kontendenti kien null u bla effett, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi skond l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------